MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 225/1997/1

**Angelo Calleja u Georgia mart Joseph Vella**

**v.**

**Eugene Bajada**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġuridizzjoni Ġenerali, fl-24 ta' Frar 2010, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti, li fiha hemm riprodotti ċ-ċitazzjoni tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll riassunt tal-fatti tal-kawża fil-qosor, qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi huma proprjetarji u fil-pussess ta' raba agrikolu fl-inħawi magħrufa "Ta' Żagħwi" limiti Munxar, Għawdex, liema raba ma jikkonfinax ma' triq pubblika iżda huwa aċċessibbli minn mogħdija eżerċitata minn ġo proprjeta' tal-konvenut;

"Illi dan ir-raba huwa kultivat u jinħadem regolarment mill-atturi u partikolarment l-attur Angelo Calleja li l-mestier tiegħu huwa ta' raħħal, jiża dan ir-raba sabiex fih ikabbar kwantita' kbira ta' magħlef għall-bhejjem tiegħu;

"Illi kemm biex tinħadem u tinħarat l-art kif ukoll biex jinqala', jinħasad, jinġabar, u jinġarr il-prodott agrikolu l-atturi jagħmlu dan bl-inġenji u makkinarju ieħor;

"Illi kemm l-atturi kifr ukoll sidien oħra li għandhom ir-raba tagħhom fl-inħawi u li jidħlu għalih mill-mogħdija li hemm fil-proprjeta' tal-konvenut, ilhom jgħaddu minn din il-mogħdija bil-vetturi tar-raba u bl-inġenji agrikoli tagħhom għal snin twal u jiftakru wkoll lill-antenati tagħhom jgħaddu wkoll bil-karettun u b'mezzi oħra tar-raba 'l fun minn sebgħin sena;

"Illi riċentement u ċioe' f'dawn l-aħħar xhur wara li l-konvenut xtara w akkwista l-għalqa tiegħu mill-poter ta' Annunziata Debrincat, il-konvenut beda jivvanta pretensjonijiet li jżomm lill-atturi mill-użu ta' dan il-passaġġ bl-inġenji u mezzi oħra u qabad u dejjaq l-entrata u l-passaġġ billi poġġa ġebel u fforma speċi ta' ħajt baxx tul il-passaġġ kollu b'mod li dejjaq sostanzjalment il-wisgħa tiegħu u l-atturi u sidien oħra tar-raba 'l ġewwa mill-għalqa

tal-konvenut illum spiċċaw ma jistgħux jaċċedu fir-raba tagħhom bl-inġenji u b'mezzi oħra kif kienu jagħmlu qabel;

"Illi dan l-aġir huwa ta' preġudizzju għall-jeddijiet tal-atturi;

"Illi huwa meħtieġ aktar u aktar fiż-żminijiet u ċ-ċirkostanzi tal-lum, li l-atturi jibqgħalhom mogħdija biex jaċċedu għal ġor-raba tagħhom bl-inġenji u makkinarju ieħor agrikolu u dan minħabba li la huwa prattikabbli li raba ta' ċertu daqs u kobor jinħadem bl-għodod manwali u lanqas huwa prattikabbli li l-prodott agrikolu li jkun fi kwantita' kbira jinqalgħa u jinġabar bl-idejn u jinġarr fuq id-dirgħajn, li mit-triq pubblika għar-raba tagħhom hemm distanza konsiderevoli ta' bejn mitejn u ħamsin u tliet mitt (250 – 300) pied;

"Illi l-konvenut minkejja li ġie interpellat diversi drabi mill-atturi sabiex ineħħi l-ħajt tal-ġebel li għamel matul il-passaġġ kollu minn fejn l-atturi soltu kienu jgħaddu bl-inġenji tagħhom u li dejjaq l-istess passaġġ għal wieħed bir-riġel, huwa baqa' inadempjenti.

"Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-atturi għandhom il-jedd jagħmlu użu mill-mogħdija fil-proprjeta' tal-konvenut magħrufa "Taż-Żagħwi" limiti Munxar, Għawdex, mhux biss bir-riġel iżda b'kull mezz inklużi vetturi w inġenji agrikoli;

"2. Bla preġudizzju għallewwel talba f'każ li tali jedd ma jirriżultax li huwa illimitat, tagħti l-mogħdija meħtieġa lill-atturi biex jidħlu bil-vetturi u bl-inġenji agrikoli fir-raba tagħhom għall-skopijiet fuq imsemmija u dan b'dawk il-kundizzjonijiet u taħt dawk il-modalitajiet li fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti jgħġobha tiffissa;

"3. Konsegwentement tinibixxi lill-konvenut milli jżomm, jilqa' jew bi kwalunkwe' mod ifixkel lill-atturi fl-użu ta' dan l-aċċess li jiġi hekk stabbilit u definit minn din il-Qorti;

“4. Tordna u tikkundanna lill-konvenut ineħħi l-ħajt jew filliera tal-ġebel li għamel fil-passaġġ u tipprefiġġilu terminu għal dan il-fini;

“5. Fin-nuqqas li l-konvenut ineħħi dan il-ġebel, tawtorizza lill-atturi ineħħu dan il-ġebel a spejjeż tal-konvenut.

“Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tas-7 ta’ Mejju 1997 u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Angelo Calleja.

“Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

”1. Illi ċ-ċitazzjoni odjerna kif intavolata u kif formulate ma tista’ qatt tirnexxi in kwantu l-atturi qegħdin jippretendu illi għandhom jew igawdu xi servitu’ fuq il-proprjeta’ tal-esponenti mingħajr ma indikaw jew iddiskrew la l-fond serventi u lanqas il-fond dominanti b’tali mod u manjiera illi jonqsu fil-premessi u fil-kawżali attriċi żewġ elementi essenzjali sine qua non; u għaldaqstant l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

“2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi qua persuni ma jista’ qatt ikollhom xi dritt fuq il-fond tal-esponenti in kwantu jekk jeżisti xi dritt ta’ mogħdija dan jista’ jkun mogħti biss lill-fond dominanti u mhux lil xi persuna partikolari u għalhekk ukoll it-talbiet attriċi kif dedotti għandhom jiġu miċħuda;

“3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw it-titolu tagħhom fuq ir-raba illi huma jippretendu illi hija l-fond dominanti; u fin-nuqqas ta’ tali prova l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

“4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe jedd ta’ mogħdija eżistenti fuq l-art tal-

esponenti jista’ jkun biss jedd ta’ mogħdija neċessarja bir-riġel u b’ebda mezz ieħor u għalhekk it-talbiet kollha tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;

“5. Illi jekk l-atturi jippretendu illi huma, jew aħjar l-art dominanti, tgawdi xi dritt ta’ mogħdija oltre dak bir-riġel, l-oneru tal-prova tat-titolu illi minnu jirriżulta dan id-dritt jinkombi fuqhom. Jekk tali titolu ma jiġix prodott, it-talbiet attri ċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom in kwantu ma huwiex permissibbli skond is-sistema ġuridiku ta’ pajjiżna illi jkun jeżisti xi dritt ta’ mogħdija li mhux neċessarju ħlief jekk dan id-dritt jirriżulta minn kuntratt pubbliku.

“6. Illi fi kwalunkwe każ, ċertament illi t-tieni talba tal-atturi ma tista’ qatt tintlaqa’ minn din l-Onorabbli Qorti. Infatti d-dritt ta’ mogħdija kif qed jippretenduh l-atturi ma jistax jiġi annoverat bħala dritt ta’ mogħdija neċessarja ai termini tal-artikolu 447 tal-Kodiċi Ċivili, u huwa biss għal dan id-dritt illi sid fond interkjuż jista’ jaġixxi quddiem il-Qorti Ċivili;

“7. Illi għaldaqstant anke it-tielet, ir-raba u l-ħames talbiet attriċi ma jistgħux jiġu akkolti.

“8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu maħlufa.

“Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' Ottubru 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

“Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

“Illi l-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu determinati permezz ta' din il-kawża huma:

“(i) Jekk id-dritt ta' mogħdija li l-artijiet rispettivi ta' l-atturi jgawdu fuq dik tal-konvenut, sabiex dawn jaċċedu għar-raba tagħhom li hija nterkjuża, huwiex biss bir-riġel inkella bil-vetturi u inġenji agrikoli wkoll; u

“(ii) F'każ li din il-mogħdija tirriżulta li hija biss bir-riġel, hemmx id-dritt li dan jiġi estiż biex jinkludi l-użu ta' vetturi u inġenji agrikoli oħra.

It-talbiet l-oħra huma anċillari għal dawn iż-żewġ kwistjonijiet.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawża kienu s-segwenti:

“1. L-atturi huma rispettivament is-sidien ta' żewġ biċċiet raba magħrufa " ta' Zagħwi", limiti tal-Munxar, Għawdex, li huma t-tnejn interkjużi;

“2. Hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-mogħdija għal dawn l-għelieqi hija minn fuq ir-raba tal-konvenut li għandha aċċess dirett għat-triq pubblika;

“3. L-atturi jikkontendu illi d-dritt ta' mogħdija minn fuq ir-raba tal-konvenut mhux biss hija bir-riġel, imma wkoll bil-vetturi u bl-inġenji agrikoli;

“4. Il-konvenut jikkontesta din il-pretensjoni, u sabiex ma jippermettix lill-atturi jaċċedu għar-raba tagħhom bil-vetturi jew inġenji agrikoli oħra, tella' ħajt tul l-għalqa tiegħu b'tali mod li llimita l-mogħdija ta' l-atturi għal passaġġ bir-riġel biss.

“Is-servitu' ta' mogħdija huwa kklassifikat mil-liġi tagħna bħala wieħed **mhux kontinwu** (art. 455(3) tal-Kap. 16), u bħala tali ma jistax jiġi kostitwit ħlief bit-titolu (art. 469(1)). Madankollu meta l-art hija interkjuża, dan is-servitu' jista' jiġi kkrejat ukoll bil-preskrizzjoni ta' tletin sena (art. 469(2)). Fil-każ in eżami l-atturi xehdu u ressqu xhieda biex jikkonfermaw illi sakemm ġew miżmuma mill-attur, huma kienu jaċċedu għar-raba rispettiva tagħhom bir-riġel

fix-xhur tax-xitwa u bil-karrettun minn April sa Ottubru. Imbagħad meta ġew introdotti l-inġenji mekkaniċi bdew anke jaċċedu bil-vetturi u inġenji oħra agrikoli, u qabel ma akkwista l-art tiegħu l-konvenut, ħadd ma kien joġġezzjona għal dan. Madankollu ma nġabet ebda prova konklussiva illi dan kien ilu jsir għal mhux inqas minn tletin sena sakemm ġew imfixkla f'din it-tip ta' mogħdija mill-attur bil-bini tal-ħajt hawn fuq imsemmi li rrestrinġielhom it-tip ta' mogħdija tagħhom. Ma jistgħax jingħad għalhekk illi permezz ta' l-użu li s-sid preċedenti ta' l-għalqa llum tal-konvenut, kien jippermettilhom li jagħmlu anke bl-inġenji fix-xhur tas-sajf għal xi żmien indeterminat, l-atturi akkwistaw b'daqshekk id-dritt tal-mogħdija anke bl-inġenji minn fuq l-istess raba bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali. Għaldaqstant l-ewwel talba ta' l-atturi ma tistax tiġi milqugħa.

“In sostennn tat-tieni talba tagħhom illi, fi kwalunkwe każ, għandhom jingħataw id-dritt li jaċċedu għar-raba tagħhom anke bil-vetturi u inġenji agrikoli minħabba l-esiġenzi moderni tal-koltivazzjoni tar-raba,' l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom jiċċitaw minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fis-sens illi: "…*l-artikolu in kwistjoni* (b'referenza għall-artikolu 448 tal-kap. 16) *ilu hemm minn meta ġiet promulgata l-Ordinanza VII ta' l-1866 u ċioe' meta vetturi u inġenji tar-raba ma kienux għadhom jeżistu. Huwa d-dmir tal-Qorti li tapplika l-liġi skond l-eżiġenzi tal-ħajja li tkun teżisti fiż-żminijiet meta l-liġi tiġi applikata u għalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta akkordat dan id-dritt bil-vetturi u l-inġenji mhux biss minħabba l-fatt li l-passaġġ dejjem intuża bil-vetturi imma wkoll għax kif jgħid il-Baudry 'il proprietario ritrajja dal suo fondo tutta l'utilita' che questo fondo comporta e che possa coltivarlo come se non fosse interchiuso' (Dei Beni 1046). F'dan is-sens hija wkoll id-dottrina taljana (Borsari - Commentario Codice Civile art.593 - 1203 u Digesto Italiano, Passaggio (diritto di) 23)*." [1]

“Bir-rispett kollu pero' din il-Qorti ma taqbilx ma' din il parti tad-deċiżjoni, u dan għar-raġuni illi d-dottrina li fuqha hija

[1] Vincent Camilleri et. vs Gaetana Aquilina : 16.3.2004 .

bbażata, tirreferi għall-artikolu 593 tal-Kodiċi Ċivili taljan l-antik, li għalkemm simili f'xi partijiet minnu għall-artiklu 447 tal-Kap. 16 tagħna, mhux identiku għal kollox. Infatti dan l-artikolu taljan kien jiddisponi illi:

"**Il proprietario, il cui fondo e' circondato da fondi altrui, e che non ha uscita sulla via pubblica ne' puo procurarsela senza eccessivo dispendio o disagio, ha diritto di ottenere il passaggio sui fondi vicini per la coltivazione ed il conveniente uso del proprio fondo.**

“**Questo passaggio deve stabilirsi in quella parte per cui il transito dal fondo circondato alla via pubblica sia piu' breve e riesca di minor danno al fondo su cui viene concesso.**

“**La stessa disposizione puo' applicarsi a chi avendo un passaggio nei fondi altrui, abbisogni al fine sudetto di ampliarlo pel transito dei veicoli**."

“Din il-fakolta' li tiġi estiża l-mogħdija għall-użu tal-vetturi, mogħtija fl-aħħar paragrafu ta' dan l-artikolu tal-liġi taljana, ma teżistix fil-liġi tagħna u għalhekk kwalunkwe dottrina legali bbażata fuqu ma għandha ssib ebda sostenn fil-ġurisprudenza lokali. Qalet sewwa għalhekk il-Prim' Awla f'kawża oħra meta insistiet f'dan ir-rigward illi:

"*Mhix korretta s-sottomissjoni li, in prinċipju, l-eserċizzju ta' servitu' jista' jinbidel maż-żmien. Is-servitujiet huma ta' piż fuq il-fond servjenti u m'għandhomx jiġu estiżi għal aktar minn dak li ġie pattwit. L-artikollu 476 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li meta jkun hemm dubbju dwar l-estensjoni tas-servitu' wieħed irid jieħu qies tad-destinazzjoni tal-fond dominanti "**fiż-żmien li ġiet stabbilita s-servitu'** " u għalhekk l-estensjoni tas-servitu' m'għandux ivarja skond l-iżvilupp li jsir u l-bidla li sid il-fond dominanti jagħmel fil-mod ta' kif jinqeda mill-fond dominanti tiegħu. Dritt ta' passaġġ li jkun ġie pattwit espressament għall-użu bil-karettun, u għalkemm wieħed jista' jikkonċedi l-użu tal-passaġġ b'inġenji, l-passaġġ m'għandux jitwessa, bi ħsara għas-sid tal-fond servjenti, biex ikun jista' jintuża b'inġenji kbar.*

"*….Ghalkemm jista' jiġi aċċettat li servitu' ta' passaġġ eżerċitat bil-bhima u l-karrettun tista' sussegwentement tiġi eżerċitata b'mezzi mekkaniċi in konsegwenza ta' żviluppi teknoloġiċi, sabiex tiġi sodisfatta utilita' identika għal dik oriġinarja.*

"*Dan konċess, pero' il-passaġġ irid jibqa' dak li kien, u għalkemm il-metodu ta' tgawdija tas-servitu' jista' jinbidel maż-żmien, is-servitu' irid jibqa' dak li hu u ma jistax jiġi estiż għall-akbar komdita' tas-sid tal-fond dominanti.*" [2]

"Għaldaqstant, stabilit illi l-artijiet rispettivi ta' l-atturi ma akkwistaw ebda dritt ta' mogħdija bil-vetturi jew inġenji oħra agrikoli bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali, u li taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna s-servitu' legali ta' mogħdija neċessarja lanqas ma jista' jiġi estiż sabiex jaqdi l-esiġenzi moderni tal-biedja, it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi."

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi:</u>**

**3.** L-atturi ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

**4.** L-aggravji tagħhom huma dawn:

*<u>L-Ewwel Aggravju:</u> L-ewwel Qorti kellha teżamina l-provi dwar kif il-mogħdija ġiet ipprattikata matul il-medda twila taż-żmien u kellu jirriżultalha li l-mogħdija ma kinitx waħda limitata għal waħda bir-riġel, iżda anke għal waħda bil-bhima u l-karettun u dan għal iktar minn tletin sena.*

**5.** L-atturi jibdew biex jissottomettu illi l-passaġġ għar-raba tagħhom huwa neċessarju peress li r-raba huwa interkjuż

[2] Carmelo Vassallo v. Paul Camilleri et. 9.10.2003; ta' l-istess fehma kienet wkoll il Prim' Awla fis-sentenza fil-kawza: Godwin Azzopardi v. Paul Azzopard tal-31.1.2003 .

u għalhekk m'għandhomx bżonn jipproduċu titolu biex jippruvaw id-dritt tagħhom.

**6.** Jgħidu li l-ewwel Qorti kellha teżamina l-kwistjoni ta' jekk id-dritt pretiż minnhom fl-ewwel talba (li għandhom il-jedd li jagħmlu użu mill-mogħdija mhux biss bir-riġel iżda b'kull mezz ieħor, inkluż bl-inġenji u l-vetturi) kinitx ġiet akkwistata bis-saħħa tal-preskrizzjoni triġennarja.

**7.** Huma jargumentaw illi l-Qorti kellha teżamina l-provi dwar kif il-mogħdija kienet tiġi prattikata matul medda twila ta' żmien u jsostnu li mill-provi jirriżulta li l-mogħdija kien isir użu minnha bir-riġel fix-xhur bejn Novembru u Marzu, u fil-bqija tax-xhur tas-sena dan il-passaġġ kien jiġi estiż għal wieħed li kien jippermetti li jgħaddi karettun bil-bhima, u li dan effettivament kien ilu jiġi pprattikat għal aktar minn tletin sena. Iżidu jgħidu li maż-żmien, minħabba l-esiġenzi tal-ħajja moderna kif ukoll minħabba l-ammont ta' art li tinħadem mill-atturi, il-karettun u l-bhima ġew sostitwiti b'inġenji mekkaniċi u l-vetturi.

**8.** Jgħidu wkoll li huma qatt ma ppretendew li jgħaddu minn mogħdija usa minn dik li kienet tiġi pprattikata antikament bil-karettun u bil-bhima, liema passaġġ kien wiesgħa biżżejjed li jippermetti li llum-il ġurnata minflok bil-karettun u l-bhima jgħaddu b'vetturi kummerċjali żgħar u bi tractors.

*<u>It-Tieni Aggravju:</u> Datum sed non concessum li l-atturi m'għandhomx id-dritt li jgħaddu b'kull mezz inkluż bil-vetturi u l-inġenji, l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti illi taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna s-servitu` legali ta' 'mogħdija neċessarja' ma jistax jiġi estiż sabiex jaqdi l-esiġenzi moderni tal-biedja, hija waħda żbaljata.*

**9.** L-atturi jargumentaw illi anke kieku din il-Qorti kellha tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti dwar l-ewwel talba tagħhom, u cioe` li huma ma rnexxilhomx jippruvaw li akkwistaw xi dritt ta' mogħdija oltre bir-riġel bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali, hemm imbagħad it-tieni talba tagħhom fejn kienu talbu li f'każ li l-ewwel talba ma tiġix milqugħa, jingħataw il-"mogħdija

meħtieġa" biex jidħlu bl-inġenji u bil-vetturi taħt dawk il-kundizzjonijiet u modalitajiet li l-Qorti tħoss li għandha timponi.

**10.** Huma jirreferu għall-Artikolu 447 li jipprovdi li "*Is-sid li l-fond tiegħu m'għandux ħruġ fuq it-triq pubblika, jista' jġiegħel lis-sidien tal-fondi ta' ma' ġenbu li jagħtu il-mogħdija meħtieġa, bi ħlas ta' kumpens proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija*" u jikkritikaw id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti meta qalet li taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna s-servitu` legali ta' mogħdija neċessarja ma jistax jiġi estiż biex jaqdi l-esiġenżi moderni tal-biedja. Jikkummentaw li b'dan ir-raġjonament hija reġġgħet lura l-arloġġ mija u tnejn u erbgħin sena meta kienet ġiet promulgata l-Ordinanza VII tal-1868, meta l-vetturi u l-inġenji tar-raba ma kinux jeżistu. Huma jargumentaw illi bil-kliem "mogħdija meħtieġa" l-leġislatur ried iħalli latitudini wiesgħa ħafna għall-ġudikant li jagħmel dak l-apprezzament tal-fatt dwar il-ħtieġa li min jitlob mogħdija verament għandu, u li l-kumpens li jiġi ffissat ikun proporzjonat għall-ħsara li ġġib tali mogħdija.

<u>**Risposta tal-konvenut appellat:**</u>

**11.** Il-konvenut appellat wieġeb biex jgħid li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

<u>*Dwar l-ewwel aggravju*</u>*:*

**12.** Il-konvenut appellat jissottometti li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament korrett tal-provi meta kkonludiet li l-atturi ma ppruvawx li huma jew l-awturi tagħhom fit-titolu kien ilhom jagħmlu użu mill-passaġġ b'kull mezz għal aktar minn tletin sena.

**13.** Huwa jsostni li mix-xiehda jirriżulta li l-aċċess minn fuq ir-raba bl-inġenji la kien kontinwu u lanqas ma kien inekwivoku u fi kwalunkwe każ kien b'mera tolleranza tas-sidien preċedenti jew gabillotti tal-art illum proprjeta` tiegħu.

<u>*Dwar it-tieni aggravju:*</u>

**14.** Il-konvenut appellat jargumenta li fit-tieni aggravju tagħhom (li jirrifletti t-tieni talba tagħhom) l-atturi appellanti qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex tordna li s-servitu` eżistenti tiġi reża aktar gravuża.

**15.** Jargumenta li dan huwa spropożitu legali kbir għaliex hawnhekk non si tratta ta' modifikażżjoni tal-metodu tal-eżerċiżżju ta' servitu` iżda minn talba sabiex servitu` tiġi estiża u minn servitu` bir-riġel, tissawwar f'servitu` ta' passaġġ bil-makkinarju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**16.** Din hija kawża fejn il-konvenut qed jikkontesta l-pretensjoni tal-atturi u cioe` illi huma għandhom dritt ta' mogħdija minn fuq ir-raba tiegħu għar-raba interkuża tagħhom mhux biss bir-riġel iżda wkoll bil-vetturi u l-inġenji agrikoli.

*Dwar l-ewwel aggravju:*

**17.** Kif spjegat ben tajjeb l-ewwel Qorti, għalkemm is-servitu` ta' mogħdija hija waħda mhux kontinwa[3] u bħala tali ma tiġi kostitwita ħlief bit-titolu[4], madanakollu meta l-art tkun interkjuża (bħal fil-każ ta' dik tal-atturi), din is-servitu` tista' tiġi kkreata bil-preskrizzjoni ta' tletin sena[5].

**18.** Fil-fatt l-argument tal-atturi huwa illi ilhom għal żmien twil jaċċedu minn fuq l-art illum tal-konvenut bil-vetturi tar-raba u bl-inġenji agrikoli u jiftakru wkoll l-antenati tagħhom jgħaddu minn tali passaġġ bil-bhima u l-karettun, u għalhekk huma akkwistaw is-servitu` ta' passaġġ bl-inġenji abbażi tal-preskrizzjoni trentennali.

**19.** L-ewwel Qorti spjegat li għalkemm mill-provi prodotti fil-fatt jirriżulta li l-atturi kienu jaċċedu għar-raba tagħhom bir-riġel fix-xitwa u bil-karettun minn April sa Ottubru u li imbagħad bdew anke jgħaddu bl-inġenji agrikoli u bil-

[3] Art. 455(3), Kap 16
[4] Art. 469(1), Kap 16
[5] Art. 469(2), Kap 16

vetturi, l-atturi pero` ma rnexxilhomx jippruvaw li dan kien ilu jsir għal mhux inqas minn tletin sena sakemm ġew imfixkla mill-konvenut f'din it-tip ta' mogħdija bil-bini tal-ħajt li rrestrinġilhom it-tip ta' mogħdija, u għaldaqstant ċaħdet l-ewwel talba tal-atturi.

**20.** L-atturi da parti tagħhom ħassew ruħhom aggravati b'din id-deċiżjoni u jsostnu li effettivament ġew imressqa provi biżżejjed li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti għall-konvinċiment morali li għal fuq sew minn tletin sena il-mogħdija prattikata minn fuq ir-raba tal-konvenut ma kinitx sempliċiment waħda limitata għall-passaġġ bir-riġel iżda wkoll f'ċerti xhur tas-sena kienu jgħaddu wkoll il-bdiewa bil-karettun u l-bhima u imbagħad maż-żmien ġew introdotti l-inġenji tar-raba u l-vetturi li ħadu post il-bhima.

**21.** Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha miġbura u sejra tissottolineja dawk il-partijiet li jidhrilha li huma l-aktar rilevanti għall-vertenza in kwistjoni.

*Provi tal-atturi:*

**22.** L-attur Angelo Calleja[6], li fid-data li għamel l-affidavit kellu tlieta u tletin (33) sena, spjega li ilu jaħdem ir-raba mill-1987 u li biex jaċċedi għar-raba li għandu reġistrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura jidħol minn mogħdija fir-raba tal-konvenut u jibqa' għaddej minn fuq raba ta' ħaddieħor. Qal li huwa midħla sew tar-raba għax jafu minn dejjem tal-familja tiegħu u kien jidħol fih minn ċkunitu meta kien f'idejn missieru. "*Il-mogħdija minn ġor-raba tal-konvenut Eugenio Bajada u ta' oħrajn niftakarha wiesgħa li tippermetti tractor u inġenji oħra jgħaddu fil-liberta`. Niftakar sa minn ċkuniti lil missieri u nies oħra li għandhom ir-raba fl-inħawi jidħlu minn dan ir-raba bl-inġenji tar-raba b'mod partikolari fix-xhur bejn April u Ottubru*."

**23.** L-attriċi Giorgia Vella[7], li fid-data li għamlet l-affidavit kellha disgħa u ħamsin (59) sena, spjegat li r-raba li

[6] Affidavit datat 04.09.1998 a fol 16 et seq
[7] Affidavit datat 01.06.1998 a fol 19 et seq

għandha trid tidħol għalih minn fuq raba ta' ħaddieħor, inkluż tal-konvenut. Qalet li ilha tidħol sa minn ċkunitha. "*Niftakar lil missieri jidħol fir-raba tiegħu bil-bhima u l-karettun u meta ġiet introdotta l-magna tad-dris ilħaqtu wkoll jidħol bih fl-egħlieqi tiegħu u dan id-dritt kien jeżerċitah minn fuq ir-raba li llum huwa tal-konvenut u raba ieħor 'il ġewwa minnu. Is-sidien tal-art qabel ma akkwista r-raba tiegħu il-konvenut Eugenio Bajada dejjem ħallew mogħdija wiesgħa biżżejjed biex is-sidien tar-raba li jinsab iktar 'il ġewwa jgħaddu bl-inġenji tar-raba bil-kumdita`.*"

**24.** Maria Rosa Calleja[8], li fid-data li għamlet l-affidavit kellha ħamsa u tmenin (85) sena, spjegat li missierha kellu raba 'il ġewwa mir-raba tal-attriċi Giorgia Vella u wkoll tal-konvenut, liema raba llum tinsab f'idejn l-attur Angelo Calleja. Qalet li kienu jgħaddu minn fuq mogħdija ta' Wenzu Cassar, illum proprjeta` tal-konvenut. "*Għamilt madwar ħamsa u ħamsin (55) sena nidħol f'dan ir-raba u niftakar lil missieri u oħrajn li għandhom dritt ta' mogħdija minn fuq il-proprjeta` tal-konvenut Eugenio Bajada, jgħaddu minn hemm bil-karettun u l-bhima u meta ġew introdotti l-vetturi lħaqt ukoll li rajthom għaddejjin mil-mogħdija bit-trakkijiet*." Żiedet tgħid li l-mogħdija, li tiftakarha wiesgħa madwar tmien piedi, sa April kienet tinżera' bil-ġulbiena li kienet tispiċċa qabel jibda s-sajf għaliex fix-xhur tas-sajf kienu jgħaddu minnha bil-karettun u l-bhima. Qalet li ħadd ma qatt waqqafhom.

**25.** George Mercieca[9], li meta għamel l-affidavit kellu disgħa u sebgħin (79) sena, xehed li huwa midħla tal-inħawi in kwistjoni peress li kien jaħdem parti mir-raba li llum hija tal-attriċi Giorgia Vella għal madwar ħamsa u tletin (35) sena. Spjega li kien jgħaddi minn fuq ir-raba tal-konvenut li dak iż-żmien kienet f'idejn nannuh Mikelang Debrincat. "*Kemm domt nidħol fir-raba tiegħi minn dejjem niftakar din il-mogħdija minn fuq il-proprjeta` tal-konvenut. Niftakarhom jgħaddu mill-mogħdija bil-bhima u l-karettun u jiena kont nidħol kemm bil-karettun u anke lħaqt li dħalt*

[8] Affidavit mhux datat a fol 21 et seq
[9] Affidavit mhux datat a fol 23 et seq

*ukoll bit-truck".* Ippreċiża li kienu jgħaddu bl-inġenji u mezzi oħra bejn April u Ottubru u l-mogħdija matul dawn ix-xhur jiftakarha ta' madwar tmien piedi, filwaqt li fix-xhur tax-xitwa kienu jgħaddu bir-riġel.

**26.** Angelo Debrincat[10], li meta għamel l-affidavit kellu ħamsa u ħamsin (55) sena, xehed li għandu biċċa raba li ilu f'idejh għal madwar erbgħin (40) sena u qabel kienet f'idejn missieru. Jiftakar id-diversi sidien tal-art li llum hija proprjeta` tal-konvenut u jikkonferma li dawn dejjem ħallew passaġġ wiesgħa biżżejjed sabiex jgħaddu bdiewa oħra bil-bhima u l-karettun u meta bdew jintużaw l-inġenji mekkaniċi huwa laħaqhom jgħaddu bihom. "*Niftakar lill-bdiewa jgħaddu mill-għalqa tal-konvenut mhux biss bir-riġel iżda wkoll b'mezi oħra li kif ġia spjegajt hemm min kien jidħol bil-bhima u l-karettun u oħrajn kienu jidħlu bl-imħaret u l-karrijiet, trakkijiet jew Land Rovers u wkoll bil-magni tad-dris u bil-byler ossia compactor li tintuża biex tiġi ppakkjata f'balal is-silla jew żara. …Jiena niftakar lis-sidien jew bdiewa li kienu jikkultivaw ir-raba llum tal-konvenut jiżirgħu il-ġulbiena jew ċukkarda n-naħa fejn kien hemm il-passaġġ u dan proprju biex il-wiċċ jilħaq kmieni qabel ma jidħol is-sajf ħalli fix-xhur tas-sajf il-bdiewa jkunu jistgħu jgħaddu bl-inġenji.*"

**27.** Mariano Grima[11] xehed li għamel sittax(16)-il sena fil-qbiela tar-raba li llum jinsab f'idejn il-konvenut. Jgħid li kien ħa din ir-raba bi qbiela mingħand iz-zijiet tal-konvenut. Jispjega li f'din ir-raba kien hemm passaġġ wiesgħa biżżejjed biex bdiewa oħra jgħaddu bil-vetturi tar-raba partikolarment fix-xhur ta' bejn April u Ottubru. "*Jien dejjem ħallejt passaġġ wiesgħa biżżejjed biex il-bdiewa jibqgħu għaddejjin bl-inġenji tar-raba kif kien isir qabel ma dħalt jiena f'dan ir-raba. Missier il-konvenut Eugenio Bajada kien jgħidli li fir-raba li kont naħdem jiena bi qbiela mingħand iz-zijiet tiegħu, kellha passaġġ wiesgħa li jippermetti lill-bdiewa jgħaddu bl-inġenji u makkinarju ieħor tar-raba*. Missier *il-konvenut kien għamel ukoll xi żmien jaħdem ir-raba li llum huwa f'idejn ibnu."*

---

10 Affidavit datat 01.06.1998 a fol 25 et seq
11 Affidavit datat 04.09.1998, fol 27 et seq

*Provi tal-konvenut:*

**28.** Il-konvenut Eugene Bajada[12], min-naħa tiegħu, jibbaża l-argument tiegħu li l-art tiegħu hija soġġetta biss għall-passaġġ bir-riġel favur terzi fuq id-dokument Dok EB1[13]. Dan huwa l-pjan tal-qasma bejn l-aħwa Debrincat (li fosthom hemm ommu). L-art li llum hija proprjeta` tiegħu tissemma f'tali dokument u dwarha hemm indikat li din hija soġġetta għall-passaġġ bir-riġel. Ippreżenta wkoll Dok EB2[14] u Dok EB3[15] li jirrigwardaw l-art tal-konvenuta Giorgia Vella biex juri li anke l-għalqa tagħha li tinsab 'il ġewwa minn tiegħu hija soġġetta għal passaġġ bir-riġel biss.

**29.** Fir-rigward tal-argument tal-atturi, u cioe` li huma akkwistaw servitu` ta' passaġġ b'mezzi oltre dawk bir-riġel bil-preskrizzjoni trentennali, il-konvenut jiċħad li kienu jgħaddu minn fuq tali art bl-inġenji fis-sajf. Huwa kkonferma li l-art kienet imqabbla għand Mariano Grima għal xi żmien (kif fil-fatt xehed l-istess Grima fix-xiehda tiegħu) u spjega li qabel ma kien jaħdimha dan Grima, kien jaħdimha missieru. Xehed li huwa kien imur ma' missieru u jiċħad li kien jara lil xi ħadd jgħaddi bl-inġenji minn fuq l-art. "*Fl-aħħar żminijiet ma kontx immur meta kien jaħdimha Mario imma qabel konna mmorru ma' missieri, konna mmorru naħartuha….jiena ma niftakar lil ħadd jidħol bl-inġenji hemmhekk.*"

---

[12] Xiehda a fol 66 et seq tal-proċess

[13] Dok EB1 – 17.02.1978 - pjan tal-qasma tal-aħwa Debrincat – li fosthom hemm omm il-konvenut. Il-konvenut jispjega li fost il-proprjetajiet indikati tissemma l-art illum tiegħu. Tali art hija soġġett għall-passaġġ bir-riġel

[14] Dok EB2 – relazzjoni tal-perit Joseph Dimech – stima ta' proprjeta` u pjan ta' qasma. Il-konvenut jispjega li fost il-proprjetajiet indikati tissemma l-art tal-attriċi Giorgia Vella u ħutha, 'il ġewwa mill-għalqa tiegħu. Jispjega wkoll li dan ir-raba huwa nnifsu huwa wkoll soġġett għall-passaġġ bir-riġel. Fuq is-site plan a fol 92 huwa indika bin-numru 1 l-għalqa tiegħu, u bin-numru 2 l-għalqa tal-attriċi Giorgia Vella u ħutha.

[15] Dok EB3 – 30.06.1976 – kuntratt ta' qasma li sar wara r-relazzjoni tal-perit Dimech. Terġa tissemma l-proprjeta` imsemija f'Dok EB2.

**30.** Għalhekk min-naħa waħda hemm ix-xiehda ta' persuni midħla tal-ambjenti li jiftakru li fix-xhur tas-sajf kienu jgħaddu (u kienu jaraw bdiewa oħra jgħaddu) minn fuq il-proprjeta` llum tal-konvenut b'mezzi oltre bir-riġel u min-naħa l-oħra hemm ix-xhieda tal-konvenut li jgħid li fiż-żmien li kien jaħdimha missieru ma kien jara lil ħadd jgħaddi minn hemm. Apparti dan irid jiġi kkunsidrat il-fatt li għal sittax-il sena l-art illum tal-konvenut ma kinitx f'idejn sidha iżda kienet imqabbla lil terzi.

**31.** L-Artikolu <u>465</u> tal-Kapitolu 16 jistipula li ebda servitu` li ċenswalist, użufruttwarju jew kerrej ikun ħalla li tiġi eżerċitata fuq il-fond mingħajr ebda titolu li kien jeżisti minn qabel, ma tkun ta' ħsara għall-padrun dirett jew għas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iż-żmien li fih is-servitu` tkun ġiet eżerċitata.

**32.** Sabiex tinkiseb servitu` bil-preskrizzjoni hu meħtieġ il-pussess għal żmien ta' tletin sena mill-anqas, imma fil-kalkolu taż-żmien li damet tiġi eżerċitata s-servitu` m'għandux jingħadd iż-żmien li fih is-servitu` li mhix akkwistata b'titolu kienet eżerċitata waqt li l-fond servjenti kien użufruwit jew detenut b'titolu ta' lokazzjoni għaliex is-servitu` li l-użufruttwarju jew l-inkwilini iħallu li tiġi eżerċitata ma tippreġudikax lis-suċċessuri tan-nuda proprjeta` u lis-sid ladarba dik is-servitu` ma kinitx teżisti bis-saħħa ta' titolu.[16]

**33.** Issa kif jirriżulta mix-xiehda prodotta, qabel ma xtara r-raba tiegħu il-konvenut mingħand zitu, kien ilu jaħdmimha Mariano Grima għal sittax-il sena u dan bi <u>qbiela</u> mingħand iz-zija tal-konvenut. Grima xehed li meta huwa kien jaħdem din l-art li kellu bi qbiela, missier il-konvenut kien jgħidlu li r-raba kellu passaġġ wiesgħa biżżejjed biex jippermetti lill-bdiewa jgħaddu bl-inġenji u makkinarju ieħor tar-raba, iżda missier il-konvenut ma ttellax jixhed u għalhekk dan li qed jgħid Grima mhux korroborat mill-

[16] Alexander Booker nomine vs Joseph Camenżuli, Q.Appell 05.10.2001, Vol XLI.i.485

persuna stess li huwa qed jikkwota[17]. Għalkemm l-atturi indikaw lil missier il-konvenut (Anthony Bajada) fil-lista tax-xiehda tagħhom huma għażlu li ma jipproduċuhx għax fil-fatt wara li ppreżentaw l-affidavits tagħhom iddikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi. L-istess jingħad għall-predeċessuri fit-titolu tal-konvenut: u cioe` Annunziata Debattista, ir-reverendu Dun Frangisk Debrincat, Evangelista Bajada u Maria Debrincat. Dawn kollha ġew indikati fil-lista tax-xiehda mill-atturi iżda imbagħad għal xi raġuni ddeċidew li ma jtellgħuhomx.[18]

**34.** Għalhekk, f'dawk it-tlettax-il sena li Grima kellu l-art bi qbiela u kien allegatament jippermetti lin-nies jgħaddu minn fuq il-mogħija bl-inġenji, ma ġiex ippruvat li dan kien isir bil-konsapevolezza u bil-kunsens tas-sid u għalhekk dawn is-snin ma jistgħux jitqiesu għall-finijiet tal-preskrizzjoni.

**35.** Inoltre, kif diġa ingħad, qabel Mariano Grima din l-art (li kienet wirt minn tan-nannu matern tal-konvenut) kien jaħdimha missier il-konvenut għal numru indeterminat ta' snin u skont l-istess Grima, meta l-art ġiet f'idejh, missier il-konvenut kien jgħidlu li l-mogħdija hija wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu l-bdiewa bl-inġenji u l-makkinarju. Minħabba l-fatt li l-atturi għażlu li ma jipproduċux lil missier il-konvenut u lill-aħwa Debrincat bħala xhieda (minkejja li ddikjarawhom bħala xhieda tagħhom fiċ-ċitazzjoni) din il-verżjoni ta' Mariano Grima tibqa' mhux korroborata minnhom u għalhekk din il-qorti hi tal-fehema li ma hemmx provi sufficjenti li jikkonfermaw li fil-perjodu li l-art kienet tinħadem minn missier il-konvenut is-sidien/bdiewa l-oħra kienu jgħaddu bl-inġenji minn fuqha.

**36.** Min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni tal-konvenut li f'dawk iż-żminijiet li kien jaħdimha missieru huwa kien imur miegħu sabiex jgħinu u jsostni li anqas biss kien il-każ li

---

[17] Minkejja li jirriżulta li kien għadu ħaj għallinqas sa għaxar snin wara – u cioe` sad-data tal-kontro-eżami tal-konvenut (16.04.2008)

[18] Iċ-ċitazzjoni (li tinkludi l-lista tax-xhieda) saret f'Novembru 1997 u l-atturi ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi f'Ottubru 1998. Huwa probabbli li dawn l-erba' xhieda aħwa Debrincat kienu għadhom ħajjin meta l-atturi, minkejja li kienu għadhom ma tellgħuhomx, iddikjaraw li kienu qegħdin jagħlqu l-provi.

missieru jwaqqaf lis-sidien l-oħra milli jgħaddu minn fuq l-art għaliex effettivament lanqas biss kienu jgħaddu. "*Missieri qatt ma daħlu meta kien hemm missieri. Mhux waqqafhom!! Qatt ma daħlu*."

**37.** Dan kollu huwa ta' ostaklu għall-finijiet tal-ikkontjar tat-tletin sena, anke jekk ix-xiehda l-oħra tal-atturi jsostnu li sa minn ċkunithom kienu jgħaddu u jiftakru lil min jgħaddi minn fuq il-passaġġ in kwistjoni għal numru kbir ta' snin b'mezzi oltre dawk bir-riġel.

**38.** Għalhekk fid-dawl tal-provi prodotti u tal-kunsiderazzjoni fuq imsemmija, din il-qorti, bħall-ewwel Qorti, mhix sodisfatta li hemm biżżejjed provi sabiex jista' jiġi dikjarat li ġiet ikkreata servitu` ta' mogħdija b'mezzi oltre bir-riġel bejn April u Ottubru minn fuq ir-raba tal-konvenut bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali.

**39.** Isegwi għalhekk li l-ewwel aggravju huwa infondat.

*<u>Dwar it-tieni aggravju:</u>*

**40.** Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jagħmlu riferenza għat-tieni talba. Jgħidu li jekk din il-Qorti kellha tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti, u cioe` li ma ġiex ippruvat li huma akkwistaw xi dritt ta' mogħdija b'mezzi oħra oltre bir-riġel bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali, hemm imbagħad it-tieni talba (u dan iwassal għal dan it-tieni aggravju) fejn mingħajr preġudizzju għall-jedd pretiż minnhom li l-art tagħhom tgawdi servitu` ta' mogħdija minn fuq l-art tal-konvenut mhux biss bir-riġel iżda wkoll b'mezzi oħra, huma talbu li f'każ li dan ma jirriżultax tagħtihom il-mogħdija meħtieġa biex jidħlu bl-inġenji u l-vetturi.

**41.** It-tieni talba tagħhom hija bbażata fuq l-Artikolu 447 li jipprovdi hekk:
"*Is-sid li l-fond tiegħu m'għandux ħruġ fuq it-triq pubblika, jista' jġiegħel lis-sidien tal-fondi ta' ma' ġenbu li jagħtuh il-mogħdija meħtieġa, bi ħlas ta' kumpens proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija*."

**42.** Huma fis-sottomissjonijiet tagħhom kienu għamlu riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża Vincent Camilleri et v. Gaetana Aquilina[19] u dan il-każ jerġgħu jagħmlu riferenza għalih fl-argument dwar it-tieni aggravju tagħhom. Dan kien każ fejn l-atturi u l-konvenuta kienu qasmu bejniethom biċċa art fi tnax-il porzjon b'mod li l-porzjonijiet diviżi huma interkużi bħala riżultat tad-diviżjoni. Skont l-Artikolu 448, jekk fond ikun sar magħluq minn kull naħa minħabba bejgħ, tpartit jew qasma, dawk li jkunu biegħu, partu jew qasmu għandhom jagħtu l-mogħdija bir-riġel, bil-bhima u bil-karettun skont il-każ, mingħajr indennizz. Il-konvenuta kienet qed tippretendi li l-aċċess li kellu jingħata minn fuq l-art tagħha ma jinkludix passaġġ bl-inġenji. F'din is-sentenza ċitata, l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata li l-mogħdija li kellha tingħatha lill-atturi għandha tkun bl-inġenji u bil-vetturi u mhux bir-riġel, bhima jew karettun biss. Osservat li l-Artikolu 448 ilu hemm minn meta ġiet promulgata l-Ordinanza VII tal-1868 meta l-vetturi u l-inġenji tar-raba ma kinux jeżistu u irrieniet li kellha tapplika l-liġi skont l-esiġenzi tal-ħajja li tkun teżisti fiż-żminijiet meta l-liġi tiġi applikata. L-atturi appellanti għalhekk jargumentaw illi tali interpretazzjoni tikkontrasta ferm mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti fil-kawża odjerna meta qalet li taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna s-servitu` legali ta' mogħdija neċessarja ma tistax tiġi estiża, b'dan li jiġi li l-ewwel Qorti qed tippretendi li huma għandhom jikkoltivaw ir-raba tagħhom b'għodod tar-raba primittivi u kif tradizzjonalment magħrufa meta llum hemm mezzi li bihom il-ħajja tal-bidwi ġiet faċilitata.

**43.** Iċ-ċirkostanzi odjerni pero` huma differenti minn dawk fil-kawża ċitata. Il-kwistjoni odjerna mhix jekk kliem bħal "bhima u karettun" (li jissemmew fl-Artikolu 448) għandhomx jiġu interpretati fid-dawl tat-teknoloġija moderna u għandhomx jitqiesu li jinkludu anke vetturi u inġenji. Hawnhekk non si tratta ta' art li ġiet interkjuża bħala riżultat ta' diviżjoni u għad trid tiġi stabbilita l-mogħdija a tenur tal-Artikolu 448 (li jitkellem fuq passaġġ bir-riġel u bil-karettun jew bhima u li l-Qorti tal-Appell fil-

[19] 16.03.2004, Qorti tal-Appell

każ ċitat għoġobha tinterpreta dan l-artikolu skont l-esiġenżi tal-ħajja moderna).

**44.** Il-każ odjern jirrigwarda sitwazzjoni fejn is-servitu` ta' passaġġ diġa ġiet stabbilita snin ilu u l-atturi qegħdin jippretendu li jistgħu jinvokaw l-Artikolu 447 biex is-servitu` ta' passaġġ li diġa tgawdi l-art tagħhom flok tkun waħda li jippermetti l-mogħdija bir-riġel tkun waħda li tippermetti l-mogħdija anke bil-vetturi u bl-inġenji agrikoli.

**45.** L-artikolu 447 pero` ma jipprovdix għal sitwazzjoni fejn sid ta' fond li diġa għandu servitu` ta' mogħdija minn fuq art ta' ħaddieħor, snin wara jħoss il-bżonn ta' servitu` ta' mogħdija usa sabiex ikun jista' jgħaddi bil-vetturi. Li kieku s-servitu` ta' passaġġ minn fuq l-art tal-konvenut kienet għadha ma ġietx stabbilita, l-atturi a tenur tal-Artikolu 447 jistgħu jduru fuq il-konvenut u jġiegħluh jagħtihom il-"mogħdija meħtieġa" fejn jistgħu jargumentaw illi l-"mogħdija meħtieġa" illum il-ġurnata, fis-seklu wieħed u għoxrin, għall-bżonnijiet agrikulturali tagħhom neċessarjament tinvolvi l-passaġġ bl-inġenji. Iżda s-servitu` tal-passaġġ bir-riġel diġa ġiet stabbilita snin ilu, u għalhekk li kieku din il-Qorti kellha tapplika l-Artikolu 447 u tordna lill-konvenut jagħti lill-atturi l-mogħdija neċessarja sabiex ikunu jistgħu jgħaddu bil-vetturi u bl-inġenji tar-raba tagħhom hija tkun qed tirrendi s-servitu` eżistenti aktar gravuża minn dik diġa' stabbilita.

**46.** Għalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li x-xogħol tar-raba huwa xogħol ta' strapazz u ta' tbatija, u li llum-il ġurnata jeżisti makkinarju li jista' jippermetti lill-bidwi jaħdem b'iktar kumdita`, iżda hija tista' tiddeċiedi t-talbiet li jkollha quddiemha biss fil-parametri tal-liġi. Fl-assenza ta' dispożizzjoni legali speċifika li tipprovdi li l-artikolu 447 jista' jiġi invokat wkoll minn min diġa jgawdi servitu` ta' passaġġ u li jrid jestendih sabiex ikun jista' jgħaddi bl-inġenji, din il-Qorti ser ikollha tiċħad it-tieni talba tal-atturi għaliex fin-nuqqas tkun qed tawtorizza t-tkabbar tal-piż fuq il-fond servjenti mingħajr is-sanzjoni tal-liġi.[20] Jekk fil-

---

[20] Il-Codice Civile Taljan fl-Artikolu 1052 (passaggio coattivo) per ezempju, apparti li jipprovdi li s-sid ta' fond li m'għandux ħruġ fuq triq pubblika għandu d-dritt li jottjeni passaġġ minn fuq art ta' ma' ġenbu, jipprovdi wkoll illi "*Le stesse*

passat ġiet stabbilita servitu` ta' mogħdija bir-riġel, it-titolari tas-servitu` illum ma jistgħux jippretendu estenzjoni ta' din is-servitu` abbażi tal-Artikolu 447 għaliex l-istess artikolu ma jipprovidix speċifikatament għaliha.

**47.** It-tieni aggravju għalhekk jirriżulta infondat ukoll.

Għal dawn il-motivi l-appell interpost mill-atturi qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza appellata qiegħdha tiġi konfermata.

L-ispejjeż jitħallsu mill-istess atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

*disposizioni si applicano nel caso in cui taluno, avendo un passaggio sul fondo altrui abbia bisogno ai fini suddetti di ampiarlo per il transito dei veicoli anche a trazione mecchanica."* Fil-liġi tagħna ma hemmx dispożizzjoni simili.